MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Numru 87/2012

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)

vs

Eugenio Carabott

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 283051M, akkuzat talli fis-26 ta’ Jannar 2012 ghal habta ta’ 12.30pm, fic-Centru Tas-Sahha li jinsab fi Pjazza Antoine De Paule Rahal Gdid:

1.attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuni ta’ Sylvia Spiteri u Dr Malcolm P Galea persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qieghdin

jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta ordni moghtija skont il-ligi minn awtorita` kompetenti.,

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta’ Sylvia Spiteri u Dr Malcolm P Galea persuni inkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz.

3 fl-istess cirkustanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna ferita’ ta’ natura hafifa fuq il-persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku ta’ Sylvia Spiteri u Dr. Malcolm P Galea skont kif iccertifikat Dr. M S Caruana Reg No. 2069 mic-centru tas-Sahha Rahal Gdid.

4. fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara fuq nuccali tal-vista ghad-dannu ta’ Sylvia Spiteri liema hsara ma tiskorrix €116.47 imma izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu.

5 fl-istess cirkustanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara fuq bieb fic-Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid ghad-detriment tal-Gvern ta’ Malta liema hsara ma tiskorrix tlieta u ghoxrin u disgha u ghoxrin centezmu.

6 fl-istess gurnata ghall-habta ta’ 11.30a.m. f’Hal-Tarxien u f’dawn il-gzejjer minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car ikkaguna ferita’ ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Ignatius Norman Cachia minn Hal-Tarxien skont kif iccertifika Dr Malcolm Buhagiar Reg 8072 mic Centru tas-Sahha ta’ Rahal Gdid.

7. fl-istess cirkustanzi f’dawn il-gzejjer hebb ghal Sylvia Spiteri u Dr Malcolm P Galea persuni inkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku u Ignatius Norman Cachia

u/jew persuni ohra sabiex jingurjahom, iddejjaqhom u/ jew jaghmilhom hsara.

8 f'Rahal Gdid volontarjament kiser il-paci pubblika u l-bon ordni b'ghajjat u glied.

9. fl-istess cirkustanzi u f'dawn il-gzejjer imbotta lill-imsemmija Sylvia Spiteri u Dr Malcolm P Galea persuni nkarigati skont il-Ligi minn servizz pubbliku u lil Ignatius Norman Cachia u/jew persuni ohra sabiex iweggahhom jew jinsulentahom.

Il-Qorti mitluba sabiex jekk ikun il-kaz minhabba f'ragunjiiet motivati tapplika l-Artikli 412C u 412D tal-Kap tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghas-sigurta tal-persuni offizi u trattament tal-imputat. Mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta' ta' Sylvia Spiteri, Dr Malcolm P Galea u Ignatius Norman Cachia tapplika l-provvedimenti tal-Artikli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan bi ksur tal-Artikoli 96a, 95, 222 1c, 221 (1), 325 c,d, 412C, 412D, 338 dd, 339d tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet fl-liema ammissjoni baqa' jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra.

Semghet ix-xhieda:

Semghet il-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

L-imputazzjonijiet kontra l-imputat huma konsegwenza ta' incident li sehh gewwa l-poliklinika ta' Rahal Gdid meta l-imputat hebb ghal infermiera wara li hu kien irrikorra ghall-assistenza medika fuq xi griehi li kien sofra f'battibekk gewwa hanut li kien sehh ftit qabel.

Mix-xhieda li semghet m'ghandux ikun hemm dubbju li l-imputat hu hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra

tieghu izda b'daqstant li l-Qorti ma kelliex il-beneficcju la ta' xi stqarrija rilaxxjata mill-imputat u lanqas, stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tieghu fil-kors tal-proceduri ghajr li "icto occuli" tikkonstata l-komportament inuswali tal-imputat. Fuq daqshekk jirrizulta mill-atti li l-imputat qieghed jiehu trattament ghal xi problema psikika li ghandu.

Rat l-Artikolu 96, 95, 221, 325(b), 338(dd), 17(b) u 17(d) tal-Kap 9. Tiddeciedi, konsiderat ic-cirkostanzi u l-attenwanti generici, li tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor zmien tlett snin mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------